MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Numru. 934/2005

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
*OMISSIS*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *omissis*, ta' *omissis* sena, bin *omissis*, imwieled *omissis*, u residenti *omissis*, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru *omissis,* u akkuzat talli f'Birkirkara u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2003, b'eghmil zieni, ikkorrompa lil persuna taht l-eta' u cioe' lil *omissis*, minorenni ta' *omissis* snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat (a fol 10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 8).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 203(1), 28A u 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin. In oltre, tqieghdu taht 'supervision suspended order' ghal perjodu ta' tlett snin, taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat. In oltre, din il-Qorti tqieghed lill-imputat *omissis* taht 'treatment order' ghal tlett snin, taht is-supervizjoni tal-psikologista Roberta Holland, ghal dik it-terapija li ghandu bzonn, bi frekwenza pero', ta'  mhux anqas minn sessjoni kull xahar ghal l-istess perjodu ta' tlett snin.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-eta' giovvannili ta' l-imputat. In oltre, din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti gharfet illi l-imputat kien gie mqieghed f'sitwazzjoni difficli mmens, fl-isfond ta' l-infedelta' matrimonjali tal-genituri tieghu, **u f'dan l-isfond**, kien ikun imgieghel jiehu hsieb ta' minuri ta' terza persuna, ma' min kienet qed titkompla relazzjoni extra-matrimonjali. Illi din il-Qorti taghraf illi dak li sehh kien sar b'sens ta' vendikazzjoni kontra persuna ghaziza ghal din it-terza persuna li l-imputat haseb hazin jew tajjeb kien il-kawza ta' tifrik taz-zwieg tal-genituri tieghu u l-familja tieghu milli minn motivi inherentement perversi. Dan huwa konfortat mir-rapport tal-psikologista Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------